MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tal-25 ta' Mejju, 2005

Citazzjoni Numru. 281/2004

Malta Freeport Terminals Limited
vs
Antsat International Limited

Il-Qorti,

## A. CITAZZJONI:

Rat ic-citazzjoni tas-socjeta` attrici li biha ppremettiet:

Peress illi bi skrittura tas-16 ta' Frar 1998 (Dok. A), is-socjeta` Freeport Industrial Storage Limited kienet kriet lis-socjeta` konvenuta l-Warehouse numru 110 fil-Port Hieles Kalafrana, Malta b'dawk il-pattijiet u kundizzjonijiet hemm stipulati fosthom bil-kera ta' sitta u ghoxrin elf u erbgha mitt lira Maltin fis-sena rivedibbli kull tliet snin (Art. 7) u li f'kaz ta' morozita` ta' kwalunkwe skadenza ta' kera u jibqa' hekk moruz ghall-aktar minn hmistax-il jum min-notifika lilu ta' ittra ufficjali, is-sid ikollu d-dritt li jittermina l-kirja, liema kirja fil-fatt kienet giet terminata f'Settembru 2002;

Illi s-socjeta` Freeport Industrial Storage Limited kienet giet amalgamata mas-socjeta` Freeport Terminal Malta p.l.c. u konsegwentement l-operazzjonijiet u l-kuntratti ta' l-istess Freeport Terminal Malta p.l.c. kienu gew assunti mis-socjeta` attrici Malta Freeport Terminals Limited;

U peress illi s-socjeta` konvenuta hija debitrici tal-attur fis-somma ta' wiehed u tletin elf, erbgha mija u sittin lira Maltin (Lm31,460) rapprezentanti ammont dovut bhala kera ghall-perjodu 1 ta' Settembru 2001 sal-31 ta' Awissu 2002 u general support services skond artikolu 8 tal-ftehim ta' lokazzjoni – kif irrizulta mill-invoices prezentati mac-citazzjoni (Dok. B u Dok. C);

U peress illi ghalkemm kienet interpellata b'ittra ufficjali tal-5 ta' Frar 2002, is-socjeta` konvenuta baqghet ma hallsitx l-ammont dovut, liema ammont huwa cert, likwidu u dovut;

U peress illi jirrikorru l-elementi tal-artikolu 167 et seq tal-Kap. 12 biex il-kawza tigi deciza bid-dispenza tas-smiegh.

Is-socjeta` attrici talbet lill-Qorti biex:

1. Tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' wiehed u tletin elf, erbgha mija u sittin lira Maltin (Lm31,460) rapprezentanti ammont dovut bhala kera ghall-perjodu 1 ta' Settembru 2001 sal-31 ta' Awissu 2002 u general support services skond l-artikolu 8 tal-ftehim ta' lokazzjoni.

Bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali tat-8 ta' Frar 2002 u bl-interessi skond il-ligi mid-data ta' l-istess ittra ufficjali sal-pagament effettiv kontra s-socjeta` konvenuta.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti, il-lista tax-xhieda, u d-dokumenti prezentati mis-socjeta` attrici.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**B. PROVI:**
Semghet bil-gurament lil Adrian Cachia Finance Officer fid-Dipartiment tal-Finanzi tal-Malta Freeport Terminals Limited li kkonferma d-dokument a fol 14 tal-process. Semma li mid-data tal-prezentata tac-citazzjoni ma sar ebda hlas u l-bilanc ghadu kollu dovut.

Rat li s-socjeta` konvenuta debitament notifikata skond il-ligi baqghet kontumaci.

Rat li fis-seduta tas-17 ta' Mejju, 2005 ma deher hadd ghas-socjeta` konvenuta.

**C. KONKLUZJONIJIET:**
Peress li fic-cirkostanzi t-talba kif dedotta fic-citazzjoni tidher gustifikata.

Tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' wiehed u tletin elf, erbgha mija u sittin lira Maltin (Lm31,460) rapprezentanti ammont dovut bhala kera ghall-perjodu 1 ta' Settembru 2001 sal-31 ta' Awissu 2002 u general support services skond l-artikolu 8 tal-ftehim ta' lokazzjoni.

Spejjez kontra s-socjeta` konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------